# IS-SURMAST ABELA SCOLARO (1910-1979)



PETER PAUL CIANTAR



Kull min iħobb il-marċi xi ftit antiki Maltin (tas-Snin Sittin u Sebgħin) u speċjalment jekk huwa mill-Ħamrun, allura nfakkru fis-Surmast Joseph Abela Scolaro li din is-sena jagħlaq 40 sena mejjet: Biex inkun preċiż huwa miet fis-27 t'April, 1979. Kellu biss 69 sena. Twieled fid-9 ta' Frar, 1910. Lill-Ħamruniżi, speċjalment dawk l-ammiraturi tal-Banda San Gejtanu, ħallielhom diversi marċi tal-festa sbieħ li għadhom ħajjin sal-ġurnata tal-lum - "Appasionata", "Santiago di Cuba" huma biss tnejn minnhom.

Ħallielhom ukoll l-Innu tal-Banda, iżda fuq kollox ikkompona għalihom l-Innu l-Kbir (1947), kantata f'ġieħ San Gejtanu li tindaqq f'okkażjonijiet speċjali bħal xi anniversarju. Missieri (Alla jaħfirlu) dejjem kien jgħidli li dan l-innu "huwa innu xi ftit twil iżda sabiħ ħafna, fih stoffa mużikali mill-aqwa".

Illum jiena ngħid li jiddispjaċini li qatt ma smajtu. Is-Soprano Hilda Mallia Tabone kienet interpretatu, u kienet tħobb issemmi dan l-innu li fih versi tal-poeta u ħabib ta' Abela Scolaro – Dun Frans Camilleri. Inneputija ta' Hilda, is-Soprano Miriam Gauci, kantatu wkoll.

Jiena lis-Surmast Abela Scolaro nafu xi ftit u dan bissaħħa ta' missieri Karmenu li daqq ħafna miegħu, għax kull fejn kien hemm Abela Scolaro, hemm kont issib lil missieri bit-Tromba Baxxa. Fil-fatt, anke meta Abela Scolaro kien surmast tal-Banda Leone tar-Rabat Għawdex, missieri kien miegħu fil-banda. Kien jirrispetta ħafna lil missieri u missieri kien jirrispetta lilu sewwa wkoll. Niftakru jgħidli li s-Surmast Scolaro (kif kien l-aktar magħruf) kien jaf sewwa l-pjanu. Illum il-ġurnata jiena ngħid mela għalhekk il-kompożizzjonijiet tiegħu fihom armonija tajba, għax imnebbħin mit-tistiera tal-pjanu li Scolaro kien iħaddem sewwa.

## DIRETTUR TAL-BANED

Għalkemm isem is-Surmast Joseph Abela Scoloro huwa marbut l-aktar mill-Każin tal-Banda San Gejtanu (li tagħha huwa kien direttur bejn l-1943 u l-1972), huwa kien ukoll surmast-direttur tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa, tal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u tal-Banda Leone tar-Rabat Għawdex li ssemmiet qabel.

Issa jiena l-aktar li nafu kien meta Scolaro kien surmast tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa fi żmien Ċensu tat-Trumbun. Dan Ċensu, li qed niehu pjaċir ħafna nsemmih, kien ġuvni minn Ħal Luqa u kien jgħix biss għall-każin u għall-Banda Unjoni. Huwa kellu mħabba kbira għall-mużika tas-surmast tagħhom Abela Scolaro. Niftakru sewwa "iġennen" lil missieri bil-marċi l-ġodda u x-xogħlijiet l-oħrajn ta' Scolaro. Jiena kont nisma' u llum nirrifletti ... iżda x'ġara mill-mużika tiegħu għax ħlief xi ftit marċi tal-festa ta' Scolaro ma nisimgħu xejn aktar. Naturalment, l-innu tiegħu għall-Banda San Gejtanu twieled biex ma jmut qatt.

Niftakar sewwa meta tal-familja tiegħu kienu pprezentaw lejla f'ġieħu fir-Radio City l-Ħamrun. Kien ippreżenta din il-lejla Norman Hamilton. Jiena kont hemm, iżda tant għaddew snin minn fuqha li nsejt x'kienet l-okkażjoni.

Issa għandkom tkunu tafu li bħala innijiet kbar, Abela Scolaro kkompona wkoll ta' Sant'Andrija, tal-Madonna taċ-Ċintura u tal-Madonna tal-Grazzja. Dun Frans Camilleri kien qisu l-id il-leminija tiegħu għax kien joħloqlu vrus mill-isbaħ li donnhom kienu jispirawh.

## DUN FRANS CAMILLERI

Fost il-kitbiet ta' Dun Frans Camilleri li Abela Scolaro mmużika nsibu wkoll "Lil San Pawl Appostlu", l-innu għaċ-ċentinarju ta' San Pawl. Dan l-innu kien rebaħ il-kompetizzjoni ... innu verament sabiħ għax għadu jitkanta. Insemmi wkoll l-innu li jitkanta spiss fil-knisja "Quddiemek hawn migbura" li wkoll għandu mużika ta' Joseph Abela Scolaro u versi ta' Dun Frans Camilleri.

L-ewwel impressjoni diretta tiegħi mas-Surmast Abela Scolaro kienet fil-bitħa tal-Każin tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa. Niftakar kont mort hemm għall-prova fil-banda flok missieri. L-ewwel impressjoni li kelli tiegħu kienet tal-kalma tiegħu. Il-kalma li kienet tirrenja fih kienet tidher u tinħass sewwa. Kollox bil-kalma, jiddeieġi bilqiegħda ... iżda xħin irid l-effetti qawwija kien iwarrab is-siġġu minn taħtu, jogħla 'l fuq u bil-bakketta f'idu kien iġiegħlek iddoqq dawk l-effetti li ried hu. Proprju f'dan il-ħin qed niftakar dan ix-xenarju ċar daqs il-kristall minkejja li għaddew ħafna aktar minn ħamsin sena. Nostalgija sħiħa.

Niftakru sewwa f'dawk in-noti sbieħ tal-crescendo fit-tone poem "Filandia" ta' Sibelius, imżejna b'dik iż-żiffa sajfija fil-bitħa tal-każin, ftit granet qabel il-Festa ta' Sant'Andrija. Naħseb li hawn is-Surmast Abela Scolaro kien ħa nota tiegħi u forsi xebbahni ma' missieri għax meta ried l-effett qawwi fil-mużika sabu. Kien jidher li kien kuntent, avolja jiena kont għadni daqsxejn ta' qarmuċu.

Għaddew is-snin u meta jiena kont fl-ewwel snin tal-karriera tiegħi, ġurnalista t-Times of Malta, kont stedintu għal intervista bir-ritratt b'kollox. Dan biex ingibu fil-paġna tiegħi ta' kull ħmistax "Classical Music Notes" li kienet tidher fit-Times of Malta, paġna li introduċietni fil-qasam tal-mużika.

## IL-BANDA TAL-ISTITUT SAN ĠUŻEPP

Issa ħbieb tiegħi, is-Surmast Abela Scolaro ġej minn familja ta' mużiċisti. Missieru Carmelo, li mingħandu ħa l-ewwel tagħlim tiegħu, kien surmast ta' diversi baned. Kien ukoll il-fundatur tal-Banda tal-Istitut San Ġużepp. Ma' din il-banda ibnu Joseph beda l-karriera tiegħu fil-qasam tad-direzzjoni. Issa barra missieru Carmelo, kellu wkoll lil zijuh Salvatore Abela Scolaro li wkoll kien surmast tal-Banda San Gejtanu. Kellu wkoll membri oħrajn tal-familja ... ilkoll fil-mużika u midħla sewwa tat-Teatru Rjal.

Missieru Carmelo miet meta Joseph kellu biss disa' snin. Kienet daqqa ta' ħarta kbira. Iżda xorta waħda Joseph baqa' migbud lejn il-mużika, tant li kompla l-istudju tiegħu ma' Luigi Vella u Angelo Abdilla. Kien jistudja l-pjanu u tħarreġ ukoll fl-armonija ma' Carlo Diacono u ma' Carmelo Pace.

Is-Surmast Abela Scolaro kien wieħed mill-ewwel studenti f'pajjiżna li beda joqgħod għall-eżamijiet tal-mużika. Kien għamel l-ewwel eżami tiegħu meta kellu 27 sena ... baqa' jagħmel eżamijiet oħrajn li wassluh għal diplomi fil-mużika. Fl-1950 kiseb ukoll id-diploma fil-mużika FLCM (Fellow of the London College of Music).

Issa Abela Scolaro, barra li kien kompożitur, kien ukoll għalliem u minn taħt idejh ħarġu ismijiet magħrufa fil-qasam tal-mużika Maltija, fosthom Patri Albert Borg Agostinjan. Insemmi wkoll lill-baxx Joe Vella Bondin li beda l-istudju tiegħu tal-mużika mas-surmast Joseph Abela Scolaro. Magħhom hemm ħafna oħrajn .

Abela Scolaro kien ukoll organizzatur tal-mużika għall-iskejjel statali. Dan kien l-għejxien prinċipali għall-familja.

Joseph Abela Scolaro kien l-ewwel direttur tal-"Chorus Melitensis" u fl-1959 dan il-kor, li kellu fama kbira f'pajjiżna, kien ħa sehem fil-festival tal-korijiet f'Wales. Il-kor kellu kliem ta' tifħir għar-rappreżentazzjoni tiegħu.

Is-Surmast Abela Scolaro kien bniedem ċajtier ħafna u kien jaf jissoċjalizza sewwa. Huwa kkompona diversi xogħlijiet mużikali, mhux biss marċi tal-festa u marċi funebri u innijiet, iżda wkoll mużika sagra, fosthom quddies, *overtures* u ħafna aktar. Iżda forsi ftit li xejn nafu li kien ikkompona wkoll mużika għal żewġ operetti.

## RADIO CITY, IL-ĦAMRUN

Is-Surmast Abela Scolaro kien iħobb ħafna l-opra u xtaq li l-istudenti tal-mużika japprezzaw ħafna aktar dan il-ġeneru mużikali.

Fil-fatt huwa kien ħajjar lill-Kumitat tal-Każin tal-Banda San Gejtanu biex jikri "box" fir-Radio City, il-Ħamrun biex l-istudenti tal-banda jkollhom l-opportunità li jattendu f'din il-"box" tal-każin għar-rappreżentazzjonijiet operistiċi li kienu jsiru fit-teatru f'dawk iż-żminijiet.

L-isem Joseph Abela Scolaro huwa marbut l-aktar mal-Ħamrun fejn għamel snin jgħix u anke nsibu triq imsemmija għalih. Huwa kien miżżewweġ lil Margret née Cilia mill-Belt.

Martu kienet tinkoraġġih ħafna fil-mużika, tant li kienet takkumpanjah kull fejn imur. Kellhom żewġ ulied, Lino u Anna, iżda ħadd minnhom ma kompla fil-mużika.

Fil-fatt, il-mużika ta' missierhom hija mxerrda fil-każini tal-baned fejn huwa kien surmast-direttur u anke fl-Arkivji Mużikali tal-Katidral fl-Imdina.